SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2012**

**SEDUTA NUMRU 35**

**L-ERBGĦA 17 ta' MARZU 2010 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.30P.M.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU |
| JOSEPH BONELLO | VIĊI SINDKU (wasal fis-5.45p.m.) |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSINGAUD | KUNSILLIER (wasal fis-6.30p.m.) |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER (wasal fis-6.00p.m.) |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-minuti tas-seduta numru 34 ġew approvati kif emmendati. Il-Kunsillier Fenech ippropona u s-Sindku ssekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**Mill-Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mit-Transport Malta dwar il-proposta tal-One Way fi Triq Markiz J. Scicluna. Il-Kunsillier ġie infurmat li għad ma waslitx risposta. Il-Kunsillier ġie nfurmat li għad ma waslitx risposta. Ġie deċiż li tintbgħat reminder.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk is-Sur Pierre Mangion l-accountant tal-Kunsill iffirmax il-kuntratt ta' l-offerta tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan ġie iffirmat.

3. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mit-Transport Malta dwar l-esproprjazzjoni tan-naħa ta' fuq ta' Triq is-Swieqi. Is-Sindku infurmat li din il-materja ġiet diskussa ma' l-Onorevoli Chris Said fl-aħħar laqgħa li kellha miegħu. Dan wiegħed li ser jintervjeni. Ġie deċiż li tinkiteb *reminder*.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk intbagħtet l-ittra u ritratti lill-Ministru George Pulliċino tal-ħitan tas-sejjieħ bi bżonn ta' manutenzjoni. Is-Sindku wieġbet li din il-korrispondenza intbagħtet u diga waslet risposta fejn ġie ikkonfermat li x-xogħlijiet ma jistgħux jibdew qabel l-aħħar ta' April.

5. Il-Kunsillier staqsa jekk kinitx intbagħtet il-korrispondenza lill-Ministru dwar storbju minn studenti barranin fit-toroq tas-Swieqi fis-siegħat bikrin ta' filgħodu. Is-Segretarju Eżekuttuv wieġeb li l-ittri intbgħatu u diġa waslu l-acknowledgements mingħand il-Ministru Cristina u Karmenu Mifsud Bonniċi. Il-Kunsill iddeċieda li peress li xhur tas-sajf dalwaqt ikunu magħna. Ikun aħjar li tintbgħat reminder kif ukoll kemm l-ittra oriġinali u kif ukoll ir-reminder jiġi ppublikat fuq il-website.

6. Il-Kunsillier staqsa jekk Pembroke Athleta aċċettawx il-proposta li l-attivita' Maratona li huma jorganizzaw kull Sena issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill tas-Swieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn ma aċċettawx, għaldaqstant ma tistgħax tingħata donazzjoni.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli.......................)

**Mill-Kunsillier Mario Fava jkompli.....................**

7. Il-Kunsillier staqsa jekk ġietx approvata xi waħda mill-applikazzjonijiet li saru mill-Kunsill għall-fondi addizzjonarji għall-proġetti li konna applikajna għalihom. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn għad ma ġewx aġġudikati.

**Mill-Kunsillier Alfred Curmi**

8. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux il-bring-in-sites il ġodda fi Triq il-Miżura. Is-Sindku wieġbet li dawn saru pero' xi residenti staqsew biex jiġu allokati f' xi post iehor. Il-Kunsill ikkonferma li dawn ġew allokati f' post addattat u għaldaqstant għandhom jibqgħu fejn huma.

9. Il-Kunsillier staqsa jekk sarx xi tibdil fis-sistema ta' Time Parking quddiem il-ħwienet fi Triq il-Qasam. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Shephard ikkonfermaw li l-ħinijiet huma tajbin u jakkomodaw kemm lir-residenti kif ukoll lix-xerrejja. Il-Kunsill iddeċieda li dawn jibqgħu kif inhum fil-preżent.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nfurmat dwar il-konferenza "Patt tas-Sindki" li ser issir fi Brussel f' Mejju li ġej. Is-Sindku staqsiet jekk dan il-Kunsill huwiex ser jipparteċipa. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa u għaldaqstant is-Sindku għandha tattendi għall-iffirmar u ċ-Ċerimonja.

2. Is-Sindku infurmat li bagħtet korrispondenza u ritratti tal-ħitan tas-sejjieħ bi bżonn ta' manutenzjoni lill-Ministru George Pullicino. Is-Sindku insistiet sabiex dawn ix-xogħlijiet isiru qabel ma jibda t-tarmak pero' t-tweġiba kienet mhux qabel l-aħħar ta' April.

3. Is-Sindku infurmat li irceviet linja ta' direttivi dwar il-kumitati reġjonali. Dawn ġew ippreżentati fil-Kunsill.

4. Is-Sindku infurmat li ser tibda bil-preparazzjonijiet għall-attivita' SkolaSajf.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli.................)

5. Is-Sindku infurmat li ser tattendi għall-konferenza ECAD ta' 4 t'ijiem f' Għawdex. Il-programm ġie ippreżentat fil-Kunsill.

6. **Offerti ta' kisi bit-tarmac ta' toroq fil-Madliena**
Is-Sindku nfurmat li ġew sottomessi 9 offerti li huma:-

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Central Asphalt | €1463,589.09 |
| 2. | Philip Agius | €1377,364.00 |
| 3. | Bonnici Brothers | €1343,469.12 |
| 4. | Polidano Brothers | €1324,155.92 |
| 5. | Road Servicing Ltd | €1268,876.34 |
| 6. | Bitmac Ltd | €1335,256.05 |
| 7. | Alfred Schembri & Sons | €1519,637.32 |
| 8. | Schembri Infrastructure Ltd and Asfaltar Ltd trading Silas Joint Venture | €1181,876.56 |
| 9. | Vella Group Ltd | €1358,018.18 |

Il-bord ta' aġġudikazzjoni li kien imwaqqaf mis-Sindku, Viċi Sindku, Kunsillier Gordon Shephard, Perit Dieter Falzon, Perit Ex ADT Paul Buhagiar u l-Perit Edgat Gatt irrakomandaw il-Kumpanija Silas Joint Venture peress li dawn issottomettew l-aktar offerta vantaġġuża.
Il-Kunsillier Fava staqsa jekk il-Kuntrattur ikkwotax għal kull Triq li ser isir ix-xogħol fihom. Is-Segretarju Eżekuttiv informa fil-posittiv. Il-Kunsillier staqsa ukoll kemm ser idumu dawn ix-xogħlijiet. Hu ġie infurmat li skond il-Kuntratt, il-*contract period* huwa ta' 28 ġimgħa. Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda unanimament li jaqbel mar-rakkomondazzjoni tal-Bord ta' għażla.
Għaldaqstant intgħażlet l-offerta ta' fuq Silas Joint Venture. Din kienet l-aktar offerta vantaġġuża.

7. IL-Kunsillier Fava irrakomanda li qabel ma jibdew ix-xogħlijiet f' kull triq għandha tintalab konferma mill-Water Services Corporation li f' dik t-triq ma' hemmx problemi ta' mains. Il-Kunsillier ġie infurmat li dwar dawn ix-xogħlijiet diġa saru l-ewwel cordination meeting ma' l-entitajiet ikkonċernati u ser issir iehor fl-14 ta' April 2010.

8. Il-Kunsill talab biex kemm il-Viċi Sindku kif ukoll il-Kunsillier Shephard iżuru t-toroq fejn ikunu qed isiru x-xogħlijiet u jekk jindunaw b' xi problemi għandhom minnufih jirrapurtaw il-Perit tal-Kunsill.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli.................)

**Kwotazzjonijiet għal *Belisha Blinkers* fi Triq ta' l-Ibraġ**

9. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kwotazzjoni dwar id-dawl taż-żebra crossing (*Belisha Lights*)fi Triq ta' l-Ibrag fil-viċinanza tal-Lukanda Halland. Dawn jammontaw għal kwota:

   Sistema a. €2718.05
   Sistema b. €3213.68
   Xogħlijiet ta' Trinka: €1650.00

   Dawn il-kwotazzjonijiet ġew mingħand il-kuntrattur tad-dawl tal-Kunsill Mica Med Ltd u Bitmac Ltd. Is-Segretarju Eżekuttiv informa ukoll li kellu laqgħa ma l-uffiċjal tat-Transport Malta fejn ġie infurmat li dawn qed jikkonsidraw li jinstallaw Pelikan lights. Jekk il-bord jaqbel allura dawn ix-xogħljiet isiru mingħajr ħlas mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li jistenna d-deċizzjoni ta' Transport Malta.

10. Ġiet ippreżentata stima ta' sistema ta' mekkaniżmu ta' kif jintxegħel u jintefa id-dawl waqt il-ħin tal-logħob tat-Tennis bil-lejl fil-ġnien ta' Triq il-Ħemel. Din tammonta għal €1327.50. Il-Kunsill iddeċieda li din tiġi deċiża fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss sa dak in-nhar għandha tinġabar informazzjoni ta' kemm jiswew il-cards.

## IV KORRISPONDENZA

*1.* Is-Sindku qrat korrispondenza mingħand l-Onorevoli Chris Said dwar il-fondi għax-xogħlijiet ta' tarmak li ser isiru fil-Madliena. Il-korrispondenza tispjega kif ġej: *"30% mill-ammont rikjest biex isiru x-xogħlijiet filwaqt li meta jitlesta x-xogħol kollu u jkun iċċertifikat li sar tajjeb, jingħata l-kumplament ta' l-ammont"*

2. Korrispondenza mill-Kumpanija Maltapost dwar caqlieq ta' kaxxa ta' l-ittri minn Triq Sant'Andrija ħdejn l-istage għal Triq Markiż J. Scicluna fil-Madliena. Il-Kunsill ma qabilx mall-proposta u għaldaqstant irrakkomanda li ssir waħda ġdida fil-Madliena.

3. Korrispondeza oħra mill-GRTU. Dawn qed jitolbu laqgħa mall-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab agenda.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## IV KORRISPONDENZA (jkompli................)

4. Korrispondenza mit-Transport Malta dwar l-installazzjoni bla permess ta' U Bars fin-naħa ta' fuq ta' Triq il-Prekursur. Dawn il-U bars qed ikunu ta' ostaklu għal kull min juża' din it-Triq. Il-Kunsill iddeċieda li dawn jinqalgħu biex titwessa t-triq meta ikunu qed isiru ix-xogħlijiet ta' tarmak f' din it-Triq.
   Il-Kunsillier Fava irrimarka li fit-2007, hu kien ressaq mozzjoni biex dawn jitneħħew u jitneħħa wkoll il-wiesa' żejjed tal-bankina, b' hekk it-Triq kienet terġa tiġi għan-normal. Din il-mozzjoni ma kienitx għaddiet. Fil-laqgħa pubblika ta' l-istess Sena, ir-residenti wkoll kienu ilmentaw dwar dan l-istess suġġett pero' dawn xorta waħda baqgħu ma nqallgħux.

5. Korrispondenza mingħand Casvel Ltd kumpanija responsabbli mill-proġett ta' 70 appartament fi Triq il-Mezza kantuniera ma' Triq il-Kwarta. Dawn qed jissuġġerixxu li jinbena post addattat fil-kumpless tagħhom fejn jitpoġġa l-iskart tar-residenti li joqogħdu fil-kumpless. Ġiet ippreżentata pjanta bir-rikjesti. Huma qed jitolbu il-pariri tal-Kunsill. Gie deċiż li l-Viċi Sindku jikkomunika mar-rappreżentat tal-Kumpanija.

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**<u>Il-Kunsillier Alfred Curmi</u>**

1. Tourist Zone
   Wara diskuzzjoni dwar dan is-suġġett, il-Kunsill qabel li jsir kumitat Ad hoc. Ġie deċiż li l-Kunsillieri Alfred Curmi, Mario Fava u Rene' Rossignaud ikunu membri f' dan il-Kumitat.

2. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta mid-dipartiment dwar id-devoluzzjoni tat-Tennis Court. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad ma waslitx risposta pero' kellu kuntatt mid-dipartiment ta' l-Artijiet li l-applikazzjoni dalwaqt tiġi approvata. Il-Kunsill talab biex issir reminder.

3. Il-Kunsillier staqsa l-possibilta' li jinżebgħu t-traffic calmers bl-isfar peress li dawn m'għandhomx jidhru.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk waslux xi risposti mit-Trasport Malta għal proposti li kien għamel il-Kunsill tar-rotta l-ġdida tat-Trasport Pubbliku. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-awtorita' għad ma iffinaliżżatx dawn ix-xogħlijet.

5. Il-Kunsillier staqsa biex tinkiteb ittra lill-MEPA sabiex jiġi stabbilit is-sitwazzjoni dwar l-open plots.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID** — **Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli...........)

**Kunsillier Paul Fenech**

1. Il-Kunsillier talab biex jinbidlu u l-indikazzjoni tal-Kunsill li huma imwaħħla mall-bini amministrattiv.

2. Il-Kunsillier irrimarka dwar il-Konferenza Internazzjonali għall-Kunsilli Lokali li ser issir f' Għawdex. Hu informa li f' din il-Konferenza ser jiġu esebiti xogħlijiet ta' personaġġi distinti Maltin.Il-Kunsillier informa li l-artist Raymond Pitre' lest li jesebixxi ix-xogħlijiet kollha tiegħu. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Il-Kunsillier Fenech ħa l-inkarigu li jikkomunika ma' l-artist Raymond Pitre.

**Kunsillier Paul Fenech**

3. Il-Kunsillier informa bl-attivita' li ser issir fit-22 ta' Marzu 2010. għal Business Community tal-lokal. Din il-laqgħa ser tiġi indirizzata mill-Onor Chris Said u ser ikunu preżenti. Is-Sindku tal-Mellieħa u l-President tal-GRTU. Ser jiġi diskussi l-metodi ta' kif il-Business Community fil-lokalita' tagħna jistgħu ikabbru l-intrapriżi tagħhom. Għal din l-attivita' ġew mistiedna ukoll il-Managers taż-żewġ banek fil-lokalita' HSBC u BOV. Il-Kunsillier Fava oġġezzjona għal mod ta' kif intbagħtet l-ittra lill-kommunita' mingħajr ma ġiet iċċirkulata lill-kunsillieri. Hu insista li korrispondenza bħal din kellha l-ewwel tintbagħat lill-Kunsilliera u wara lill-Business Community.

4. Il-Kunsillier irrefera għall-kwestjoni ta' open plots li hawn fil-lokalita'. Hu ukoll talab biex tinkiteb ittra lill-MEPA dwar is-sitwazzjoni. Il-Kunsillier talab ukoll li l-ittra għandha tiġi ppubblikata wkoll fuq il-website tal-Kunsill.

**Kunsillier Gordon Shephard**

1. Il-Kunsillier talab manutenzjoni fil-bankini ta' Triq il-Qasam. Il-Kunsillier ġie infurmat lix-xogħlijiet ta' bankini ser jitkomplew wara x-xahar ta' April.
2. Il-Kunsillier talab refreskar tas-sinjali fi Triq il-Qasam u Triq is-Sidra. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu u jordna dawn ix-xogħljiet.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli...........)

**Kunsillier Rene' Rossignaud**

1. Il-Kunsillier irrimarka dwar tabella ta' direzzjoni imwaħħla ħażin fi Triq il-Qasam. Hu talab sabiex din tinqala'.

2. Il-Kunsillier irraporta dwar il-U Bars ta' sigurta' li twaħħlu fiż-żona tal-bandli fil-ġnien ta' Triq il-Hemel. Il-Kunsillier insista li dawn minn barra ġew tajbin pero' minn ġewwa huma ta' periklu minħabba xi xfarijiet fil-materjal li twaħħal. Il-Kunsill talab li ssir żjara fuq il-post mill-Kumpanija li ħadmuhom, l-Enġinier Desira inkarigat mis-sigurta' tal-ġnien u mill-Kunsillier Rossignaud. F' din il-laqgħa jiġi stabbilit x' jista jsir biex jiġi eliminat dan il-periklu.

**Kunsillier Mario Fava**

1. Il-Kunsillier iddiskuta dwar l-applikazzjoni "Climate Zone" Leonardo Da Vinci. Hu irrimarka li din hija opportunita' għall-lokalita' tagħna peress li nagħmlu parti mill-Kosta. Għaldaqstant hu issuġġerixxa li għandhom jintgħażlu żewġ żgħażagħ mill-lokalita' biex jipparteċipaw fit-taħriġ meħtieġ sabiex huma stess ikunu jistgħu jgħallmu lill-ħaddiehor. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir sejħa għaż-żgħażagħ fuq il-website tal-Kunsill. Wara li ssir l-għażla, tkun tista' ssir l-applikazzjoni. Il-Kunsillier Fava ħa l-inkarigu li jifformola l-avviż fuq il-website.

2. Il-Kunsillier ippropona li ssir korrispondenza ma' l-Ambaxxata Taljana sabiex dawn jgħaddulna kuntatti ma' għaqdiet (NGO's) li jaħdmu fl-interess tal-baħar Mediterran sabiex flimkien norganizzaw konferenza f' pajjiżna biex nesploraw dan is-suġġett u x' jistgħa ssir biex il-għan jintlaħaq. L-istess jista' jsir ma' ammbaxxati oħra ġirien tagħna fil-Meditterran.

3. Nhar il-5 ta' Frar 2010, ġewwa l-villaġġ ta' Vise' fil-Belgium, iltaqa' l-ECAD Advisory Board fejn fost l-oħrajn iddiskuta materji kurrenti kif ukoll il-preparazzjonijiet għas-17 il-konferenza tas-Sindki li ser ssir ġewwa Pajjiżna bejn it-22 u l-24 t' April 2010. Il-Kunsillier irrikomanda li għandu jiġi ppreparat rapport, biex il-messaġġ tagħna jiġi nwassal f' din il-konferenza.

4. Il-Kunsillier informa li ta' sikwit isiru ħsarat permess ta' aċċidenti ta' karozzi fil-bollards tad-dawl fit-Triq l-Ibrag. Hu staqsa jekk tistgħax issir xi ħaġa biex jiġu evitati dawn l-aċċidenti.

5. Il-Kunsillier irraporta dawl difettuż fil-pjazza Uqija quddiem il-Bank of Valletta.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA (jkompli...........)

6. Il-Kunsillier ġibed għall-attenzjoni li fil-Madliena se isiru aktar toroq u allura dawn ser ikollhom bżonn aktar manutenzjoni għaldaqstant hu staqsa jekk il-Gvern Ċentrali huwiex ser iżied l-allokazzjoni għal dan il-hamlet minħabba li jekk din ma tiżdietx allura l-fondi ikollhom joħorġu mill-allokazzjoni tas-Swieqi.

7. Il-Kunsillier staqsa dwar meta ser tibda l-persuna li kellu jibgħat Dr. Said mall-Kunsill tagħna li ser tkun inkarigata mill-applikazzjonijiet għal Fondi mill-E.U. Fl-laqgħat preċedenti s-Sindku kienet infurmat li d-dipartiment kien ser iħallas parti mis-salarju ta' din il-persuna li ser tkun fi Skala 13.
Il-Kunsillier staqsa jekk mhux ser issir sejħa fil-Kunsilli Lokali qabel din tiġi allokata. Il-Kunsillier reġa' staqsa lis-Sindku tikkonferma li parti mis-salarju ser jitħallas mid-dipartiment. Is-Sindku ikkonfermat li Dr. Said wiegħed dan waqt laqgħa li kellha miegħu.

## V KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

a. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 39. Din tikkonsisti f' applikazzjoni għall-proposti ta' proġetti taħt l-iskema tal-fond ewropew għall-iżvilupp reġjonali. Il-Kunsill iddeċieda li ma jieħux sehem f' din l-applikazzjoni.

b. Is-Segretarju informa b'kontijiet ta' manutenzjoni ta' dawl li ilhom pendenti minn Ottubru 2009 u l-kuntrattur qatt ma ippreżenthom għall-ħlas. Il-Kunsill ġie infurmat li meta dawn ġew ivverifikati ma' l-ordni tax-xogħljiet, dawn instabu fl-ordni rikjesta. Il-Kunsill talab biex il-kuntrattur jiġi imwissi biex ħaġa bħal din ma terġax tiġi irrepetuta. Il-Kunsill talab wkoll biex il-Viċi Sindku u l-Kunsillier jivverifikaw kull kont kif ukoll jiġi iffurmat l-awditur ġenerali biex dan il-kont li jammonta €5720 jiġi imnaqqas mis-Sena Finanzjarja 2009.

c. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill l-offerti li ser jitterminaw bejn Frar u Ġunju 2010.
    a. Patching & Large Patching — 16 ta' Frar 2010.
    b. Kiri ta' vettura Kummerċjali ghall-Kunsill — 2 ta' Marzu 2010
    c. Insurance Policy tal-Kunsill — Gunju 2010
    d. Kuntratt tad-dawl — 26 ta' April 2010

    Dwar il-kuntratt tad-dawl, is-Segretarju informa li dan jista' jiġi mġedded għal Sena oħra. Il-Kunsill iddeċieda li dawn l-offerti jiġu ippublikati. Il-Kuntratt tad-dawl jiġi diskuss fis-seduta tal-Kunsill li jmiss.

**HUGH ZAMMIT** — **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** — **Sindku**

## VI XIRI U AFFARIJIET OĦRA

1. Il-Kunsill approva li jitħallsu il-pagamenti kollha li dehru fuq l-iskeda tal-pagamenti. Dwar il-kont tad-dawl pendenti dan l-ewwel jiġi ivverifikat imbagħad jitressaq għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**Billi s-Sindku u l-Kunsilliera ma kellhomx aktar x' jiddiskutu is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-9.00p.m. u sar aġġornament għal nhar it-Tnejn 26 ta' Arpil 2010 fil-5.30p.m.**

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**